MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 304/2013

**Josephine *sive* Josette Portelli**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 t'April 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponent Josephine Portelli, magħrufa bl-isem ta' 'Josette', twieldet nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u tlieta u sittin (1963), liema twelid ġie debitament reġistrat u ingħata n-numru ta' iskrizzjoni elf seba' mija u erbgħa u tletin sbarra elf, disa' mija tlieta u sittin (1734/1963), (kopja taċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkata bħala Dok: JP1);

Illi għalkemm isem l-esponenti ġie mniżżel fil-kolonna *'Isem il-Wild'* fl-imsemmi Att tat-Twelid bħala *'Josephine'*, il-ġenituri tagħha minn dejjem riedu jagħtuha l-isem ta' 'Josette', u dan kif ser jigi spjegat b'mod aktar detaljat waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna, u kif ukoll effettivament ġie kkorroborat mill-Affidavit ta' omm l-esponenti, Mary Vella (li kopja tiegħu qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok JP2);

Illi kif ser jiġi spjegat b'mod aktar detalljat waq is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna, ir-raġuni prinċipali għalfejn isem l-esponenti ġie mniżżel bħala *'Josephine'* hija minħabba l-prassi ekkleżjastiċi ta' dak iż-żmien u ċjoe' illi sabiex persuna tkun tista' tagħmel il-karta ta' identita' tagħha, kellha bżonn takkwista kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija tagħha. Illi kif jixhed ċar iċ-ċertifikat tal-magħmudija tal-esponenti isimha qegħda mniżżla bħala *'Josephine'*, (kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija hawn anness u mmarkata bħala Dok JP3). Illi l-esponenti tispjega bir-rispett illi l-isem ta' 'Josepha' effettivament huwa 'Josephine' miktub bil-latin. Illi b'referenza għall-affidavit ta' Father Carmel *sive* Charles Baldacchino (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok JP4) l-esponenti tispjega umilment illi fl-imgħoddi meta l-ġenituri kienu jmorru għand il-kappillan sabiex issir il-magħmudija, il-kappillan ma kienx jaċċetta ismijiet jekk ma jkunux relatati ma' xi qaddis jew qaddisa. Konsegwentement, minkejja li riedu l-ġenituri tagħha, u ċjoe' illi jagħtuha l-isem ta' *Josette*, hi ġiet imniżżla bħala *'Josepha'*.

Illi kif ser jiġi spjegat b'mod aktar dettaljat waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, minkella l-fatt li isem l-esponenti ġie miżżel bħala *'Josephine'*, l-esponenti ilha ħajjitha kollha tuża l-isem *'Josette'* minflok 'Josephine' bħala l-isem li bih tiġi msejħa u fil-fatt hija magħrufa u ilha konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem 'Josette', u dank if huwa kkorroborat mill-Affidavit tar-raġel tagħha, Jean Portelli (kopja qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok JP5) u mill-affidavit ta' bintha MarieClaire Portelli (kopja annessa u mmarkata bħala Dok JP6).

Illi l-fatti msemmijin fil-paragrafu preċedenti u ċjoe' li l-esponenti ilha ħajjitha kollha tuża l-isem *'Josette'* minflok 'Josephine' bħala l-isem li bih tiġi msejħa u fil-fatt hija magħrufa u ilha konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem 'Josette', huma saħansitra riflessi f'affidavits addizzjonali, u ċjoe' l-affidavit ta' Monica Louisiana Spiteri, li ilha taħdem flimkien mal-esponenti għal dawn l-aħħar sitt snin u nofs (kopja annessa u mmarkata bħala Dok JP7), kif ukoll l-affidavit ta' Jane Farrugia, ħabiba intima tal-esponenti u li ilhom għal dan l-aħħar wieħed u għoxrin (21) sena (kopja annessa u mmarkata bħala Dok JP8).

Illi għalkemm l-esponenti tirrikonoxxi apertament li ilha taf b'din is-sitwazzjoni għal ħafna żmien, damet ħafna snin tgħix b'din l-inkonsistenza prinċipalment għax kienet taħt l-impressjoni żbaljata li ma kienx hemm meżżi kif tali inkosistenza tista' tiġi rettifikata.

Illi tali inkonsistenza dejjem kienet sors ta' skumdita' għall-esponenti li b'mod sinċier u onest irriżenjat ruħha għall-fatt illi fuq atti ċivili u dokumenti relatati (bħal per eżempju l-liċenzja tas-sewqan u l-karta' tal-vot elettorali) isimha ser jiġi ndikat bhala 'Josephine' u mhux kif suppost 'Josette'.

Illi l-esponenti tirreleva umilment illi għandha interess skont il-liġi, u *inter alia ai termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li ssir id-debita korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid tagħha (kopja hawn annessa u mmarkata Dok JP1) kif ukoll fl-atti l-oħra kollha tal-ħajja ċivili tal-esponenti, u senjatament l-Att taż-Żwieg, il-karta ta' identita' bin-numru 0173463M kif ukoll l-passaport bin-numru 703271.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti ilha sa minn twelidha magħrufa konsistentement bl-isem 'Josette'.

2. Tordna għalhekk illi fl-Att tat-Twelid isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna *'Isem jew*

*Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* l-isem ‘Josephine’ jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem ‘Josette’, u fil-kolonna *‘Ismijiet mogħtijin’* l-isem ‘Josephine’ jiġi kkanċellat u sostwit bl-isem ‘Josette’.

3. Tordna illi, *ai termini* tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, dawn il-korrezzjonijiet jiġu riflessi f’kull att tal-istat ċivili relattiv għall-esponent, u senjatament l-att taż-żwieg, il-karta tal-identita’ u l-passaport tal-esonenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-25 t’April 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax kemm mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta’ Twelid li jġir in-numru ta’ iskrizzjoni 1734 tas-sena 1963, li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oġġezzjoni għall-annotazzjoni fl-att ta’ twelid ta’ isem ir-rikorrenti fil-kolonna *‘Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* u ċjoe’ li jiġi jinqara ‘Josette’ minflok ‘Josephine’ salv pero’ li huwa m’għandux jinżamm responsabbli ta’ din l-inkorrezzjoni.

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi.

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent

m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrent stess, John Vella, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1734 tas-sena 1963 (hawn anness u mmarkat bħala Dok DR1) u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenut kienet wieħed korrett;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi kif indikat fir-rikors qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-attriċi dejjem issejħet u kitbet isimha bħala *Josette* u mhux *Josephine* kif indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u kwindi t-talba hija ġustifikata. Il-Qorti pero' ma tistax tordna t-tiswijiet f'dawk l-atti li ma ġewx indikati fir-rikors promotur, u allura se tilqa' t-talbiet biss b'riferenza għall-att indikat. Fir-rigward tal-ispejjeż ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas tal-konvenut u allura l-attriċi għandha tħallas dawn l-ispejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi fir-rigward tal-atti in kwistjoni, u ċjoe' l-att tat-twelid u taż-żwieġ imsemmija fir-rikors promotorju iżda tiċħad it-tielet talba għar-raġuni ġja' ndikata.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------